# Li kieku ...

Li kieku kellek tasal wasla sa Ħal Busbies u tistaqsi għas-Sur Teodoru Camenzuli aktarx li ħadd ma jkun jaf jgħidlek min hu. Iżda li kellek tistaqsi għalih bħala “Mastru Gerfex” kont issir tafu minnufih. Ibda minn Tereża ta’ Soldi, l-ixjeħ mara f’Ħal Busbies, u spiċċa fl-iċken tifel tal-iskola, żgur li m’hemm ħadd li ma jafx jgħidlek min huwa Mastru Gerfex.

Sa ftit snin ilu kulħadd kien jafu bħala Doru s-Surmast għax, kif jgħidu, fi żmienu kien surmast ta’ xi skola żgħira f’raħal ieħor. Iżda mbagħad, meta għalaq is-sittin, ħa l-pensjoni u waqaf mix-xogħol. Waqaf mix-xogħol u beda bil-praspar. U kienu dawn il-praspar li inkurunawh bit-titlu ta’ “Mastru Gerfex”.

Hemm min jgħid li dawn il-praspar jagħmilhom għaliex iħobb il-qatra, waqt li l-oħrajn isostnu li

moħħu qed jiħfieflu għax daħal fit-tieni tfulija. Jista' jkun li għandhom biċċa raġun kull wieħed, iżda taħsbux li dan Doru dejjem fis-sakra jew li hu xi xiħ żmagat. Anzi f'ħafna mill-praspar iġibha żewġ għax rasu jħaddimha daqs avukat.

Doru s-Surmast joqgħod f'dar kbira u antika flimkien ma' martu Lugrezja li, miskina, tgħidx x'paċenzja tieħu bih. Daqs żewġ kantunieri bogħod, ġo dar iktar moderna, toqgħod bintu miżżewġa b'żewġt itfal tewmin ta' ħdax-il sena. Dawn it-tfal, Ivan u Yvette, tgħidx kemm iħobbuh, u erħilhom sejrin għandu ta' sikwit, daqqa jgħinuh f'xi biċċa xogħol u drabi oħra jiksrulu d-devozzjoni mill-aħjar li jistgħu.

# Ir-riħa tal-imqaret

Kienet il-festa ta' San Bonifaċju, il-qaddis patrun ta' Ħal Busbies. Ir-raħal kien armat u mżejjen qisu għarusa lesta għat-tieġ. Bozoz u liedna, pilandri u antaljoli, bnadar u pavaljuni. Daqq ta' baned u sparar ta' murtali.

Mastru Gerfex, li tant iħobb il-qatra, ma setax jonqos li f'okkażjoni bħal dik ikun imlaħlaħ sew. Kien ġa baħbaħ griżmejh fil-ħanut ta' Menzju u legleg xi żewġ grokkijiet mill-każin tal-banda. Issa kien miexi jixxengel bejn ħbiebu Valent ta' Waqwaq u Ċikku l-Pastur.

Fit-toroq kien hemm bosta bejjiegħa armati sa ruħ ommhom: birra u luminata, ġelati u pastizzi, hotdogs u qubbajt. Iżda l-iktar ħaġa li laqtet lil Mastru Gerfex kienet ir-riħa tal-imqaret tat-tamal. Maġenb kjosk kbir tal-hotdogs kien hemm raġel ibigħ l-imqaret. Kien armat fuq

il-bankina u kellu maġenbu kaldarun biż-żejt jagħli u tilar fuq is-saqajn bil-wiċċ tal-ħġieġ jinfetaħ. L-imqaret kien l-ewwel jgħaddashom għal ftit minuti fiż-żejt jagħli u mbagħad, meta jkunu saru, jiġborhom fuq virga twila u rqiqa tal-ħadid, iħallihom joqtru ftit u jpoġġihom fit-tilar tal-ħġieġ. Minn dawk l-imqaret jaħarqu kienet ħierġa riħa li taqsamlek qalbek, u lil Mastru Gerfex xaqqithielu sew għax min ħadem dawk l-imqaret kien żied xi grokk aniżetta mat-taħlita tat-tamal.

Il-bejjiegħ tal-imqaret kien raġel ta' xi tletin sena jismu Tommy. "Ejjew għall-imqaret," kien qiegħed jgħajjat ta' sikwit biex iktar iħajjar in-nies. "Bit-tamal dawn, bit-tamal. Tiekol biss bir-riħa. Tiekol biss bir-riħa."

Din l-għajta għoġbitu lil Mastru Gerfex, u ġieh f'rasu li jagħmel ċajta żgħira. Inxteħet bilqiegħda fuq ix-xifer tal-bankina ħdejn il-kaldarun tal-imqaret, u beda jxammem l-arja, imeċlaq u jomgħod fil-vojt ... waqt li jegħmeż lil ħbiebu minn taħt. Wara li kien ilu xi ftit minuti jgħawweġ ħalqu u jfaqqa' snienu, il-bejjiegħ dar fuqu u staqsieh x'kien qed jagħmel.


F. Schembri

“Qiegħed niekol bir-riħa tal-imqaret tiegħek, ħabib,” daħaqlu Mastru Gerfex, “għax, kif għedt int, bir-riħa biss ukoll tiekol, daqskemm għandhom riħa tfuħ.”

Tommy għaraf li x-xwejjaħ kien xurban u deherlu li seta’ jobroxlu ftit ċenteżmi kiesaħ u biered. “E, mela la kilt bir-riħa tal-imqaret tiegħi se jkollok tħallasni, Mastru Gerfex,” qallu b’ton serju.

Għall-ewwel Mastru Gerfex ħaseb li Tommy kien qiegħed ikompli ċ-ċajta. Iżda mbagħad fehem li kien irid il-flus bis-serjetà kollha. “Imma isma’, Tommy, jien ir-riħa biss kilt, taf!” qallu waqt li deher jisserja. “Lilek ma ħadtlek xejn!”

“Iss, mur obsor ħej!” insista Tommy. “Ir-riħa mill-imqaret tiegħi ħarġet, u allura hija tiegħi wkoll! Trid tħallasni tagħha daqslikieku kilt l-imqaret!”

“Tajjeb, għidli x’għandi nagħtik,” qatagħha fil-qasir Mastru Gerfex fost l-istagħġib ta’ Valent u Ċikku, u ta’ xi nies oħra li kienu nġabru jixtru l-imqaret.

“Għandek tagħtini nofs lira,” qallu dak

l-imbroljun, "għax ħadtli biċċa sewwa mir-riħa!"

Mastru Gerfex daħħal idu fil-but, ħareġ biċċtejn tal-ħamsa u għoxrin ċenteżmu u telaqhom f'id il-bejjiegħ. "Issa agħtini ftit imqaret ħalli neħodhom miegħi d-dar," qallu mbagħad kalm kalm.

"Kemm nagħmillek, Mast?" staqsieh Tommy ferħan li kien għadu kif irnexxielu jobromlu ħamsin ċenteżmu ta' xejn b'xejn.

"Agħtini b'lira, jekk jogħġbok," wieġbu Mastru Gerfex. "Id-dar hemm min jiekol għax dawk it-tewmin tgħidx kemm huma żaqqiqin! U marti Lugrezja lanqas ma toqgħod lura fejn tidħol iċ-ċejċa, taf!"

Tommy refa' l-wiċċ tal-ħġieġ tat-tilar fejn kellu l-imqaret lesti u mlielu żewġ boroż. "Hawn ħa. Newwilli l-lira," qallu waqt li tah l-imqaret u laqa' idu għall-flus. Mastru Gerfex ħareġ munita ta' lira mill-but u beda jċekċikha mal-ħġieġa tal-bieba tat-tilar. "Smajtha ċċekċek, Tommy?" staqsa mbagħad lill-bejjiegħ. "Smajtha ngħid," wieġbu Tommy. "Mela jien trux?" "Mela la smajtha qisek tħallast!" reġa' Mastru Gerfex. "Jien nista' mmur."

Iżda hekk kif kien se jitlaq Tommy ħatfu minn


ĊLIKK
ĊLIKK
ĊLIKK
F. Schembri

driegħu. "Stenna!" qallu. "Fejn int sejjer? Billi smajt iċ-ċekċika ma jfissirx li tħallast!"

"Iċ-ċekċika mill-flus tiegħi ħarġet," insista Mastru Gerfex, "u ġaladarba inti smajtha tħallast xorta waħda daqslikieku ħadt il-flus! Tajjeb iżżomm f'rasek li min jiekol bir-riħa jista' jħallas biċ-ċekċik ...!"

Ma' dawn l-aħħar kelmiet Mastru Gerfex telaq biż-żewġ boroż imqaret ifuħu fost id-daħq u ċ-ċapċip ta' ħbiebu u tal-ġemgħa li kienet inġabret.

Tommy baqa' wieqaf b'ħalqu miftuħ. Kien inqela b'żejtu. Ried jisloħ ħamsin ċenteżmu lil Mastru Gerfex u dan spiċċa biex selaħ lilu! "Għandu jkun li dan ix-xifajk iktar jirraġuna meta jkun fis-sakra milli meta jkun f'sensih!" qal minn bejn snienu.

U kull darba li kien jgħajjat, "Tiekol biss bir-riħa!" kien dejjem iżid f'qalbu, " ... u nitħallas biċ-ċekċik!"